**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Aaron Psaila

vs

Digitalzone

CCT 111/17

4 ta' Dicembru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-15 ta' Gunju 2017 fejn talab il-dan it-Tribunal jikkundanna lill-azjenda intimata li thallsu l-ammont ta' €309.36, prezz ta' television mixtri minghand l-azjenda intimata u spejjes ghal din il-kawza, liema television gie mormi bi zball, wara li dan kien fil-pussess tal-azjenda konvenuta.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata ipprezentata fis-7 ta' Lulju 2017 fejn cahdet it-talba tar-rikorrenti peress illi ma kienx dovut.

Ra ukoll il-kontro-talba ipprezentata mill-azjenda intimata fis-7 ta Lulju 2017 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lir-rikorrent ihallasha l-ammont ta €118.00 ghal spejjes allegatament inkorsi minhabba talba frivola u vessatorja illi ghamel ir-rikorrent.

Ra r-riposta tal-kontro-talba tat-3 ta' Awwissu 2017 fejn cahad l-allegazjoni tal-azjenda intimata u insistiet li kien it-tort tal-azjenda intimata illi t-television intrema qabel ma skada t-terminu ta' 60 gurnata wara r-riparazzjoni.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi jinghad mill-bidu nett li r-rikorrent ma gabx provi li dan it-television effettivament inxtara minghand l-azjenda intimata, pero' zgur wara t-terminu ta' garanzija zviluppa hsara u t-television gie mghoddi fil-pussess tal-azjenda intimata ghat-tiswija. Sar skambju ta'

messaggi li wassal sabiex it-television jingieb fil-workshop tal-azjenda intimata fejn qalu lir-rikorrenti li l-ispiza ghat-tiswija kienet ser titla' mitejn Euro. Ir-rikorrent ma accettax li jhallas din il-figura u mar ghand l-azjenda intimata sabiex jiehu lura it-television pero qalulu illi t-television intrema bi zball u offrewlu television gdid bi skont ta' 10 %. Wara xi zmien l-azjenda intimata qalet lir-rikorrent biex imur fl-ufficjini taghha u jigbor it-television ghaliex dan instab. Meta ghamel hekk ir-rikorrent jallega illi t-television li pprezentawlu ma kienx tieghu u ghalhekk ma gabrux u adixxa il-dan it-Tribunal ghas-sodisfazzjon.

Min-naha l-ohra, ir-rapprezentant tal-azjenda intimata tghid li wara li sar ezami tekniku irrizulta ili dan it-television, li ma kienx taht garanzija, kellu hsara fil-panel u biex jissewwa kellha tithallas ic-cifra ta' €299.00, li kien il-prezz ta' wiehed gdid u dak illi hallas originarjament ir-rikorrenti, jew l-gharusa tieghu. Ghalhekk dan it-television gie dikjarat beyond economical repair u l-azjenda intimata offriet lir-rikorrent illi jiehu TV gdid bi skont ta' 10 %. Jurgen Schembri ma jghidx x'kienet ir-risposta tar-rikorrent pero ighid li wara 12 - il gurnata sar zball min-naha taghhom meta remew it-television ghar-recyling. Offrewlu television iehor minghajr it-3D function u r-rikorrent ma accettahx. Ighid ukoll li mar ghand il-Wasterserv, gabar il-partijiet tat-television tar-rikorrent u regghu ghaqduh. Pero kien hemm xi pats neqsin u r-rikorrent kompla insista li dan it-television ma kienx tieghu.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jista' jasal ghal konkluzjoni illi tajjeb jew hazin, meta dan it-television gie fil-pussess tal-azjenda intimata dana kellu diffett serju li minhabba fih kien *beyond economical repair*. Minkejja dan, il-prezz tat-tiswija gie komunikat lir-rikorrent li rrifjuta li jhallas l-ammont mitlub. Meta r-rikorrent mar biex jigbor it-*television* dan lahaq intrema bi zball mill-azjenda intimata. Jekk din tal-ahhar irnexxielha terga' tghaqqad dan it-television jew le huwa immaterjali jew le ghal din il-kawza. Il-fatt jibqa' li kien ghadu propjeta' tar-rikorrent, kien fil-pussess legittimu tal-azjenda intimata u li kienet din tal-ahhar minghajr awtorizazzjoni ta' sid it-television li ddisponiet minnu b'mod li ma kienx probbabli li jigi rijintraccat. Veru illi f'dak il-moment storiku it-television kien minghajr valur peress illi gie ddikjarat *beyond economical repair,* liema dikjarazzjoni giet accettata mir-rikorrent. Pero ried it-*television* lura peress li kellu valur sentimentali. Dan l-ahhar fattur pero' ma jbiddilx il-fatt illi bhala oggett kummercjali it-*television* kien bla valur. Hawnhekk sar zball min-naha tal-azjenda intimata, meta qabel ma skada terminu li fih kellu jingabar it-*television,* dawn iddisponu minnu minghajr awtorizazzjoni.

F'din is-sitwazzjoni, kwindi, ir-rikorrent ma jistax jippretendi illi jigi rijimpjazzat bil-valur shih ta' television gdid, peress illi bhekk ikun hemm arrikament ingust bi pregudizzju tas-socjeta' intimata. Min—naha l-ohra l-azjenda intimata ma tistax tippretendi illi ma

thallasax ghall-izball taghha li minghajr awtorizazzjoni iddisponiet mit-television, pero' zgur mhux fl-ammonti li qed jippretendi r-rikorrent.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba maghmula mill-azjenda intimata, dina hadet forma ta' elenku tal-ispejjes subiti mill-azjenda intimata wara li t-television gie moghti lilhom ghat-tiswija. Dawn l-ispejjes gew kwantifikati fl-ammont ta' mitt Euro plus VAT - u cjoe' €118.00 Din ic-cifra pero mhijiex sostanzjata fid-diversi partiti imsemmija mill-azjenda intimata fit-talba taghha. Dana apparti l-fatt li certa partiti mhumiex soggetti ghal kontro-talba peress illi bhala spejjes ikunu involuti fit-taxxa finali li tohrog wara l-kawza u ghalhekk jiddijkara immedjatament illi din il-kontro-talba mhijiex accettabbli u qed tigi michuda fl-intier taghha.

Ikkunsidra

Wara li jinghad dan kollu, tibqa' l-kwistjoni tal-kwantifikazzjoni tad-dannu li sofra r-rikorrenti minhabba l-izball tal-azjenda intimata. Bhal ma diga nghad it-*television*, f'dak li stadju ma kellux valur kummercjali, pero kien propjeta' tieghu u seta' iddispona minnu/jew izzommu kif ried minghajr xkiel ta' hadd. Dan id-dritt gie michud lilu bl-agir irrespondabbi tal-azjenda intimata meta ddisponiet mit-television bi zball. U ta' dan ir-rikorrent gustament irid ikun kumpensat. Dan it-Tribunal qed jiffissa l-kumpens arbitrio bono viri fl-ammont ta' sittin Euro.

Ghal dawn ir-ragunijiet jaqta u jiddeciedi illi filwaqt illi jichad il-kontro-talba tal-azjenda intimata, jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-azjenda intimata illi thallsu s-somma ta' sittin Euro - €60.00. Bl-ispejjes illi jibqghu bla taxxa.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**